"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 ail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tas- seduta numru 11 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret b'urgenza fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgha 18 t'Ottubru 2015 fis-7:15 a.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Hermann Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Skuzati | Leanne Grech (L.G.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

---

**Agenda għal-laqgħa :**

1. Zviluppi ġewwa l-Freeport

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qalu it-talba**

**11/1** **Zvilupp gewwa l-Freeport**

11/1.1 Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi tkellem rigward *Hearing* li nzamm il-Mepa ħmistax ilu, kif ukoll għall-EMC Meeting tal-21 t'Ottubru. Huwa informa li hemm numru ta' applikazzjoniet tal-Mepa relatati mal-Freeport.

11/1.2 Huwa stieden lil Perit Carmel Cacopardo, Konsulent tal-Kunsill, sabiex jingħaqad mal-mejda tal-Kunsill sabiex jgħati informazzjoni fuq l-applikazzjonijiet.

11/1.3 Il-Perit Cacopardi ta deskrizzjoni qasira tal-applikazzjonijiet kollha relevanti, kemm passati kif ukoll korrenti. Huwa fakkar ukoll li l-kunsill daħħal numru ta' oġġezzjonijiet ma numru ta' applikazzjonijiet.

11/1.4 Il-Sindku informa ukoll, li l-MEPA ikkunsidrat l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill Lokali, u l-Freeport ġew mitluba li l-krejniet tal-aħħar applikazzjoni jiġu imressqa iktar il-ġewwa fil-faċilitajiet tagħhom għax kienu gejjin fiz-zona residenzjali.

precedenti, fl-2012,

11/1.5 Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-fatt li l-Kabinet ħafer il-*planning gain* ta' €741,000 imposta mill-Mepa, liema fondi tilifom il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuġa, ghad-detrminet tal-komunita' ta Birzebbuġa.

11/1.6 Il-Sindku informa lil-membri tal-Kunsill li l-Mepa iddeċidiet li sabiex tkun f'pozizzjoni ahjar li tieħu d-deċizjonijiet, għandha tara il-proġett bħala wieħed ħolistiku, u mhux kull applikazzjoni għaliha. Dan fi-dawl tal-fatt li fil-ġranet li ġejjin ser joħroġ rapport relatat ma' *Noise Survey* li sar propju ħabba l-operat tal-Freeport.

11/1.7 Wara diksussjoni mill-Membri tal-Kunsill fuq is-suġġett, is-Sindku ressaq mozzjoni, issekondata mill-Viċi Sindku JC, sabiex jiġi ikkomunikat lis-*CEO* tal-MEPA, u jigu ikkupjati il-Prim Ministru u l-Ministru Cardona, li kienu involuti f'din il-materja, li l-Kunsill għandu jieħu dak li hu tiegħu u tal-Komunita ta' Birzebbuġa, bi dritt, liema dritt ittieħed lilom, partikolarment il-*planning gain* li ġiet maħfura.

**Il-Laqgħa intemmet fit-8.30am**

| | | |
|---|---|---|
| Kevin Barun<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Ezekuttiv | 11/11/15<br>Data |